



BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA

ANNEX 1: AKTAR TAGĦRIF DWAR L-ARTISTI U X-XOGĦLIJET ARTISTIĊI

Post 1 – Grossmarkthalle: barra d-daġla ewlenija

L-artist Taljan **Giuseppe Penone** (*1947) huwa wieħed mir-rappreżentanti ewlenin tal-moviment “Arte Povera”. Ix-xogħol artistiku tiegħu għall-bini l-ġdid huwa rappreżentazzjoni ta’ siġra, simbolu rikorrenti fix-xogħlijiet tiegħu.

Il-ġurija hija tal-fehma li l-iskultura eleganti u viżwalment impressjonanti se toħloq atmosfera ta’ affinità u identifikazzjoni u se tkun taqbel mal-linji arkitettoniċi tal-bini.

Post 2 – It-torri tal-uffiċċji: il-pjan terran fuq in-naħa tal-lvant tal-atrju

L-artist Bulgaru **Nedko Solakov** (*1957) ħoloq skultura bi sfond kunċettwali qawwi – karatteristika tipika tat-teknika tiegħu – li hija rappreżentata b’mod umoristiku, ferrieħi u spirituż. L-iskultura hija akkumpanjata minn tpinġijiet karatteristiċi ta’ Solakov, impittrin direttament fuq il-ħitan u l-uċuħ fil-bini kollu.

Il-ġurija hija tal-fehma li dan ix-xogħol se joħloq post ta’ riflessjoni u antiċipazzjoni li għandu jkun punt fokali attraenti.

Post 3 – Grossmarkthalle: is-sala tad-dħul taż-żona tal-konferenzi

L-artist Britanniku **Liam Gillick** (*1964) huwa magħruf sew bħala artist li jesplora s-sistemi soċjali u l-organizzazzjonijiet tagħhom, u dan se jkun karatterizzat fil-proposta speċifika li għamel għall-bini tal-BĊE.

Ix-xogħol tiegħu jirreferi għall-funzjoni tal-BĊE bħala post fejn tista’ ssir ħidma fuq kontributi kumplessi. Se jkun dikjarazzjoni bil-lingwa universali tal-matematika, li tirreferi kemm għall-kumplessità tal-inġinerija tal-bini kif ukoll għall-ħidma kumplessa li sseħħ fih.

Il-ġurija nnotat li l-proposta adottat it-tema b’mod intelliġenti ħafna u taqbel sew mad-dimensjonijiet u d-dawl tal-ispazju magħżul. Hija tqis li l-aspetti tal-forma, il-materjalità u l-kontenut huma integrati sew f’dan ix-xogħol artistiku, li huwa ikoniku fl-għamla tiegħu.

Bank Ċentrali Ewropew

Direttorat Ġenerali Komunikazzjoni, Taqsima Relazzjonijiet Midja Globali

Sonnemannstrasse 20, 60314 Frankfurt am Main, il-Ġermanja

Tel: +49 69 1344 7455, Email: media@ecb.europa.eu

Internet: www.ecb.europa.eu

Ir-riproduzzjoni hi permessa sakemm jissema s-sors.